**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 20 ta' Novembru, 2018**

**Rikors nru: 193/18 AGV**

A

Vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fis-17 ta' Lulju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fil-21 ta' Dicembru, 1985, hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A u minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom kellhom lil binhom C illi twieled nhar il-11 ta' Dicembru, 1987 u lil binthom D illi twieldet nhar it-30 ta' Ottubru, 1993, illum it-tnejn maggorenni u finanzjarjament indipendenti, hekk kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati bhala Dok. B u Dok. C rispettivament.
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt datat 24 ta' Ottubru, 2012 fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Dorianne Arapa, kopja annessa bhala Dok. D, wara digriet tal-Onorabbli Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat 8 ta' Ottubru, 2012.

3. Il-partijiet qablu li huma ilhom separati de jure sa minn Ottubru tas-sena 2012 u ghaldaqstant ilhom aktar minn sitt snin separati.
4. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante li l-partijiet ilhom sitt snin mifrudin.
5. Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li l-partijiet iddikjaraw illi huma qedghin jirrinunzjaw reciprokament ghad-dritt illi jesigu manteniment minghand xulxin u dan skond paragrafu tlieta (3) tal-kuntratt ta' separazzjoni u r-rigward it-tfal tal-partijiet, dawn huma llum maggorenni u m'hemm ebda manteniment pendenti u dovut ghalihom.
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissoddisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili , il-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

a) Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fil-21 ta' Dicembru, 1985 bejn il-partijiet;
b) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru ubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ix-xhieda tar-rikorrent li kkonferma li kienu zewwgu fil-21 ta' Dicembru, 1985 u minn dan iz-zwieg kellhom tifel C li twieled fil-11 ta' Dicembru, 1987 u D li twieldet fit-30 ta' Ottubru, 1993.

Ikkonferma li kienu sseparaw b'kuntratt fl-24 ta' Ottubru, 2012 fl-atti tan-Nutar Dr. Dorianne Arapa u skond l-istess kuntratt, peress li martu kienet iddekadiet mid-dritt taghha ta' manteniment u uliedu kienu lkoll maggorenni, ma kellu l-ebda obbligu ta' manteniment.

Ir-rikorrent jammetti ukoll li peress li ghadda hafna zmien minn meta nfirdu ma kienx hemm cans ta' rikonciljazzjoni.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Rat li l-intimata mhix qedt oggezzjona ghat-talbiet tar-rikorrent.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruva illi l-partijiet ilhom Isseparati ghal aktar minn erba' snin u sseparaw legalment skond kuntratt datat 24 ta' Ottubru, 2012 fl-atti tan-Nutar Dr. Dorianne Arapa.

Illi r-rikorrenti ppruvat ukoll illi m'hemmx pendenzi ta' manteniment u ma kienet tezisti l-ebda cans ta' rikonciljazzjoni bejniethom.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal- Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem mil lum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef** **Deputat Registratur**